**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Fużjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2015 rigward abbozz ta' deċiżjoni relatat mal-Każ M.6800 — PRSfM/STIM/GEMA/JV**

**Relatur: l-Italja**

(2015/C 341/06)

**Konċentrazzjoni**

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata tikkostitwixxi impriża konġunta li twettaq il-funzjonijiet kollha ta' entità ekonomika awtonoma fuq bażi permanenti fit-tifsira tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata trid titqies li għandha dimensjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

**Definizzjoni tas-suq**

4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel ma' kif il-Kummissjoni tiddefinixxi s-swieq ta' prodotti rilevanti fl-abbozz tad-Deċiżjoni.

   B'mod partikolari, il-Kumitat Konsultattiv jaqbel li dawn is-swieq għandhom ikunu distinti:

   a. is-suq għall-forniment ta' servizzi ta' amministrazzjoni tad-drittijiet tal-awtur lill-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv u lill-pubblikaturi tat-tielet għażla fir-rigward tal-liċenzji multiterritorjali tranżazzjonali, u

   b. is-suq għall-ħruġ ta' liċenzji għad-drittijiet tal-pubblikazzjoni tal-mużika onlajn.

5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq ġeografiku għaż-żewġt iswieq, jiġifieri li huma fl-ambitu taż-ŻEE kollha.

**Valutazzjoni kompetittiva**

6. Rigward l-effetti antikompetittivi mhux koordinati, il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva minħabba li twassal għal żieda fl-ostakoli għad-dħul u għall-espansjoni fis-suq għall-forniment tas-servizzi ta' amministrazzjoni tad-drittijiet tal-awtur lill-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv u lill-pubblikaturi tat-tielet għażla fir-rigward tal-liċenzji multiterritorjali tranżazzjonali.

7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni ma tfixkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq għall-ħruġ ta' liċenzji għad-drittijiet tal-pubblikazzjoni tal-mużika onlajn għaliex, minkejja r-repertorju ikbar tal-IK, it-tranżazzjoni ma tagħtix iktar setgħa ta' negozjar lill-IK u, għalhekk, ma twassalx għal aktar termini ta' ħruġ ta' liċenzji onerużi għall-pjattaformi diġitali.

8. Rigward effetti antikompetittivi oħrajn, il-Kumitat Konsultattiv jaqbel, fid-dawl tal-miżuri ta' separazzjoni tan-negozju li se jimplimentaw il-Partijiet Notifikanti u tal-fatt li t-tranżazzjoni mhux se tibdel b'mod sinifikanti s-sitwazzjoni attwali rigward l-aggregazzjoni ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva, li t-tranżazzjoni ma tfixkilx il-kompetizzjoni effettiva minħabba l-iskambju ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva b'mod sinifikanti.

9. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni ma twassalx għal effetti konsegwenzjali bejn il-Partijiet Notifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

**Impenji**

10. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-impenji finali offruti mill-Partijiet Notifikanti fl-10 ta' April 2015 jindirizzaw it-tħassib dwar il-kompetizzjoni identifikat mill-Kummissjoni fis-suq għall-forniment tas-servizzi ta' amministrazzjoni tad-drittijiet tal-awtur lill-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv u lill-pubblikaturi tat-tielet għażla fir-rigward tal-liċenzji multiterritorjali tranżazzjonali.

11. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li, soġġetta għal konformità sħiħa mal-impenji finali, it-tranżazzjoni notifikata x'aktarx ma timpedix b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu.

**Konklużjoni**

Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni notifikata trid tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE skont l-Artikoli 2(2) u 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim ŻEE.